2 ta' Frar, 1948

Imħallef :

L-Onor Dr. W. Harding, B.Litt., LL.D.

Il-Pulizija *versus* Paul Debono

**"Radio" — "Loudspeaker" — Orkestra — "Microphone" — Govt. Notice 392 ta' l-1929.**

***Ir-regolament li jipprojbixxi lil kull min għandu liċenza milli jagħmel użu fil-post tiegħu minn "radio loudspeaker" mingħajr permess speċjali tal-Pulizija mhux applikabili għal min f'dak il-post jimpjega mużiċisti ta' orkestra bil-"microphone" u "amplifiers" distribwiti ma' l-istabbiliment.***

***Għax għall-applikabilità ta' dak ir-regolament huwa presuppost indispensabili li fil-post ikun hemm "radio" ossija "wireless set". Jekk fil-post ma jkunx hemm radio, l-imputazzjoni taħt dak ir-regolament taqa'.***

Fuq l-imputazzjoni illi f'tas-Sliema, fl-4 ta' Settembru 1947, l-imsemmi Paul Debono, li hu "substitute licencee" ta' l-Empire Tabarin, ħafna drabi għamel użu minn "loud speaker" mingħajr ma kellu liċenza speċjali, hu gie, b'sentenza tal-Qorti Kriminali tal-Maġistrati ta' Malta tad-19 ta' Novembru 1947, misjub ħati u kundannat għall-ammenda ta' 10s.;

L-imputat appella;

Wara li semgħet il-provi u t-trattazzjoni, din il-Qorti kkunsidrat;

Għandu jiġi osservat, għalkemm "per incidens", illi fis-sentenza appellata ġie ċitat ir-regolament numru 18 tan-Notifikazzjoni tal-Gvern numru 302 ta' l-1929, bħal ma hemm fin-notament li soltu jsir mill-Pulizija prosekutriċi fuq il-wiċċ taċ-ċitazzjoni. Issa, għalkemm dan kien verament in-numru tar-regolament li jirrigwarda dan il-każ qabel ma ġiet publikata l-Edizzjoni Riveduta tal-Liġijiet, f'din l-Edizzjoni però (ara Regolamenti taħt il-Kap. 13 fil-Vol. VI, pag. 26) ir-regolament in kwistjoni jġib in-numru 19, u kien imissu hekk ġie ċitat; għaliex la darba fl-Ordinanza dwar ir-reviżjoni tal-liġijiet statutarji ta' Malta (XXVI ta' l-1936 riprodotta fil-Vol. I) jingħad, fl-artikolu 11, illi l-Edizzjoni Riveduta hija "the sole and only proper and authentic text of the Ordinances, Laws, and Regulations included in the Revised Edition.........", kull ċitazzjoni ta' liġi li ma tkunx konformi għall-Edizzjoni hija skorretta;

Ikkunsidrat;

L-imsemmi regolament numru 19 jgħid hekk:— "No person holding a licence shall permit in his premises the playing of musical instruments, or shall make use of a radio loudspeaker, without a special permission of the Police";

Mill-provi deher illi fil-ħanut fuq imsemmi ma hemm ebda radjo ossija "wireless set". L-appellant impjega mużiċisti ta' orkestra b'microphone u tliet "amplifiers" distribwiti ma' l-istabbiliment;

Il-Maġistrat irritjena illi l-liġi tolqot anki dan il-każ;

Ma jidherx li din l-opinjoni tista' tiġi sostnuta. Hi massima ta' ermenewtika legali, "a fortiori" applikabili f'materja kriminali, illi, jekk fil-liġi jkun hemm difett, dana ma jistax jiġi supplit bil-ministeru tat-tribunal. Issa fir-regolament fuq imsemmi jissemma biss "radio loudspeaker", u kwindi hu ċar li presuppost indispensabili ta' l-applikabilità ta' dak ir-regolament hu illi jkun hemm "radjo" ossija "wireless set". Hu veru illi meta wieħed jgħid "loud speaker", jew jgħid "amplifier", ikun dejjem qiegħed ifisser mod ta' amplifikazzjoni tal-ħoss; imma r-regolament jeżiġi li dak li jkun qiegħed jiġi amplifikat ikun, mhux daqq ta' orkestra li tkun qiegħda ddoqq fil-lokal stess, kif inhu l-każ preżenti, imma daqq li jkun ġej

minn radjo jew "wireless set", jiġifieri "broadcast reception". Jekk fil-ħanut ebda radjo ma kienx hemm, l-imputazzjoni taqa';

Issa, jekk l-imputazzjoni setgħetx issir jew le taħt xi regolament ieħor ta' dik in-Notifikazzjoni, ma hix indaġini li għandha ssir f'dan l-appell. Fil-każ illi regolament ieħor applikabili għall-każ ma hemmx, allura tinqa' dejjem kwistjoni "de jure condendo", u mhux "de jure condito";

Għal dawn ir-raġunijiet;

Tiddeċidi:

Billi tilqa' l-appell, tħassar is-sentenza appellata, tiddikjara lill-appellant mhux ħati, u tordna li jiġi liberat.